MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 192/2006

**Roderick Galea**

**Vs**

**Miriam Dalli**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur nhar it-tletin (30) ta' Gunju 2006 fejn talab lil din il-Qorti prevja dikjarazzjoni li l-allegazzjonijiet imxandra mill-konvenuta waqt il-bulletin tal-ahbarijiet ta' Super One Radio tas-sbatax (17) ta' Gunju 2006 tas-sebgha neqsin kwart ta' filghodu li tieghu tidher traskrizzjoni annessa bhala Dok. 'A' huma malafamanti u libelluzi fil-konfront tieghu w ghandhom bhala skop, li jtellfu jew inaqsu r-reputazzjoni tieghu, tikkundanna lill-konventa thallsu dik is-somma li tigi hekk likwidata minn din il-Qorti ai fini ta' danni ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li eccepiet bir-rispett li:-
1. Illi l-publikazzjoni msemmija mill-attur mhiex libelluza fil-konfront tieghu.

2. Illi ‘n oltre, l-fatti hemm imsemmija jikkonsistu f’rapurtagg gurnalistiku dwar kwistjonijiet t’interess pubbliku accettabli f’socjeta demokratika kemm taht il-Ligi tal-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar il-Libertajiet Fondamentali u d-Drittijiet tal-Bniedem. Jekk l-attur dehrlu li kien fihom x’ inezattezzi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.

3. Illi ‘n kwantu l-artikolu jikkontjeni kummenti, dawn jikkonsisti f’*fair comment* maghmul *in buona fede* dwar fatti sostanzjalment veri u fuq kwistjoni ta’ interess pubbliku, accettabli f’socjeta demokratika, kif ukoll taht il-konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi nhar il-hdax (11) t’ Ottubru 2007 xehed l-attur **Roderick Galea** minn jeddu fejn spjega li kien hassu libellat b’rappurtagg li gie mxandar fuq Radio Super One fis-sittax (16) ta’ Gunju 2007 u fis-sbatax (17) ta’ Gunju 2007 fis-sebgha neqsin kwart ta’ filghodu, fis-sitta neqsin kwart ta’ filghaxija u fl-ghaxra neqsin kwart ta’ bil-lejl. Jghid li huwa ghamel *transcripts* ta’ fejn hassu libellat u dawn jinsabu esebiti fl-atti a fol. 2. Ikkonferma li t-*transcript* sar minnu wara li kien sema r-*recording*. Qal li it-*transcript* huwa komplut billi kien gab kopja tar-*recording* kif jirrizulta mir-ricevuta tal-hlas li ghamel biex ottjena dan ir-*recording* u din giet esebita minnu u mmarkata bhala Dok ‘B’.

Ikkonferma li l-parti li ma tirriflettix il-verita hija is-sentenza tal-ahhar tax-xandira fejn gie allegat li huwa ma kellux licenzja tas-sewqan sabiex isuq *coaches, mini buses* u *trailers* meta effettivament huwa kellu din il-licenzja sa minn zmien qabel li kien hemm din l-istess xandira. Qal li dak iz-zmien li harget din ix-xandira huwa kien *driving examiner* w ghalhekk ma jistax jifhem kif gie allegat li ma kellux licenzja meta huwa fil-fatt kien jezamina lin-nies li

riedu jottjenu din l-istess licenzja. Huwa esebixxa kopja awtentikata tal-licenzja tieghu wara li wera' l-originali taghha lil Qorti li giet immarkata bhala Dok. 'C'. Qal li pero huwa qatt ma hadem f'dan it-tip ta' xoghol u cioe bl-uzu ta' *mini buses* jew bil-*coaches*.

Mistoqsi jekk huwa hux *canvasser* tal-Onorevoli Perit Jesmond Mugliette li kien Ministru, huwa wiegeb li huwa habib tieghu izda qatt ma ghenu politikament, ghalkemm meta jiltaqa' mieghu fil-kazini jmur ikellmu. Qal illi huwa kien tressaq il-Qorti akkuzat b'tixhim w instab hati fuq ammissjoni tieghu stess mal-prezentata w inghata *conditional discharge*. Jghid ukoll illi l-Avukat Generali kien appella minn din is-sentenza izda din giet konfermata f'dak l-istadju ukoll.

Qal illi huwa ighix fin-nofsinhar ta' Malta, ghalkemm huwa registrat fuq Rahal Gdid li jghamel parti mid-distrett tal-Onorevoli Perit Jesmond Mugliette.

Mistoqsi jekk attendiex ghall-attivita li l-ex Ministru Mugliette kellu, huwa wiegeb fl-affermattiv u li vermanent kien qed isuq van bin-numru ta' registrazzjoni IVY 023 proprjeta ta' 'Swallow Garage'. Ikkonferma wkoll li l-propretarju ta' 'Swallow Garage' kien involut fil-kawza ta' tixhim li kien hemm fil-konfront tieghu. Mistoqsi x'kien jghamel bhala xoghol qabel ma beda bl-impieg tieghu mal-ADT, ighid li kellu mpjieg mal-Maltapost. Huwa gie trasferit ghal mal-ADT f'April 2004.

In kontr'ezami nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Mejju 2008 l-attur ighid li anke il-maltastar.com kienet kitbet fuqu. Mistoqsi jekk hax xi *leave* sabiex attenda ghall-attivita gewwa 'The Palms' imsemmija aktar 'l fuq l-attur iwiegeb fl-affemattiv w ghamel hekk sabiex ighin fil-kostitwenza tal-Onorevoli Jesmond Mugliette. Ikkonferma li ghall-impieg mal-ADT kien applika meta kien jahdem il-Maltapost tramite il-MIMCOL u kien gie maghzul. Qal li meta kien ghaddej proceduri l-Qorti, kien gie sospiz mix-xoghol, imbaghad kien tefa' petizzjoni presidenzjali u waqt li kienet ghada pendenti, baqa' sospiz u tilef il-*job* una volta giet rifjutata.

Mistoqsi ghal liema parti tax-xandira hass ruhu libellat, ighid li kienet dik il-parti fejn gie allegat li ma kellux licenzja tas-sewqan ghall-vetturi kollha u dan ghaliex din ma kienitx kwistjoni veritiera. Huwa ma kitibx sabiex jikkorregi l-izball qabad u ghamel din il-kawza mill-ewwel.

Fis-seduta tal-hamsa w ghoxrin (25) ta’ Gunju 2008 huwa spjega l-procedura li addotta sabiex ottjena il-licenzja sabiex isuq vetturi *commercial* u cioe li segwa l-istruzzjonijiet moghtija lilu mill-ADT u cioe l-procedura kollha li giet segwita mill-ezaminaturi kollha.

Illi nhar l-ghaxra (10) ta’ Dicembru 2007 xehed **Dr. Simon Manicaro** in rapprezentanza tal-Awtorita tax-Xandir. Huwa esebixxa l-ahbarijiet tas-Super One li nghataw fis-sbatax (17) ta’ Gunju 2007 fit-tmienja ta’ filghodu u fl-istess jum fis-sebgha w nofs ta’ filghaxija u dan permezz ta’ DVD, Video Cassette u Audio Cassette li jinsabu esibiti f’envelopp kannella mmarkat bhala Dok. ‘CSH’.
Illi nhar l-erbatax (14) ta’ Jannar 2008 xehed **Christopher Darmanin** ghan-nom tal-ADT. Huwa gie muri l-kopja tal-licenzja tas-sewqan esebita fl-atti f’isem l-attur (Dok. ‘C’) w ikkonferma li dik hija l-licenzja tieghu. Qal li l-attur inghata l-licenzja tas-sewqan sabiex isuq vettura ta’ mhux aktar minn 3.5 tunellagg fil-hamsa (5) ta’ Dicembru 1993. Inghata wkoll licenzja tas-sewqan sabiex isuq mutur fil-wiehed u tletin (31) t’Ottubru 2000. Fis-sitta w ghoxrin (26) t’April 2004 huwa nghata licenzja sabiex isuq vetturi ta’ natura *commercial* kif ukoll sabiex isuq vetturi li jiehdu aktar minn tmien passiggieri li jaqghu taht il-kategorija ‘D’. Dawn il-licenzji jiskadu kollha fit-tlettax (13) ta’ Novembru 2003. B’hekk l-attur jista isuq kull tip ta’ vettura sa dakinhar li tiskadielu l-licenzja.

Illi nhar l-ghoxrin (20) t’Ottubru 2008 xehdet l-attrici **Miriam Dalli** fejn spjegat li fiz-zmien li harget ix-xandira in kwistjoni hija kienet tokkupa l-kariga ta’ News Editor ta’ Super One. Qalet li kienet taf li kienet ghaddejja informazzjoni fil-*media* dwar allegat kaz ta’ tixhim mill-ezaminaturi tal-ADT fejn kien qed jinghad li dawn l-istess ezaminaturi kienu qed jiehdu l-flus minghand terzi persuni

li kienu qieghdin japplikaw ghal licenzji sabiex b'hekk inghataw *pass* fl-ezami taghhom. Fil-fatt tghid li tlett ijiem qabel ma harget ix-xandira taghhom nhar l-erbatax (14) ta' Gunju 2006 inghataw dettalji ta' xi ezaminaturi, fosthom l-attur Roderick Galea. Tghid li kien gie rappurtat li l-wiehed minn dawn il-persuni li kien involut fit-tixhim, kien *canvasser* tal-Perit Jesmond Mugliette u li kien ha *leave* sabiex iwassal xi nies tal-perit f'attivita li kellu organizzata. Qalet li kellha informazzjoni wkoll li l-Pulizija kienet giet involuta peress li kienet qed taghmel l-investigazzjoni taghha.

Sussegentement tghid li l-attur kien instab hati tar-reat tat-tixhim. Qalet li l-attur, mix-xandira taghha, qed jilmenta biss minn sentenza wahda u cioe fejn gie rapurtat li ma kellux licenzja tas-sewqan sabiex igorr in-nies. Qalet li din l-informazzjoni kienet gabitha mill-maltastar.com u kienet giet rappurtata tlett ijiem qabel. Din il-publikazzjoni qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok. 'Z'. Mistoqsija mill-Qorti, jekk f'dawk it-tlett ijiem kienx hemm xi disdetta qabel, wiegbet li ma tafx. Qalet li din ma kientix l-ewwel darba li f'*media* lokali huma jippikkjaw l-affarijiet minghand xulxin.

Semghet il-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2009.

Ikkunsidrat:

Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet ghal dak li huma l-fatti specie tal-kawza. Jirrizulta bla ebda ombra, li verament l-attur kien involut f'kawza kriminali il-Qorti fuq tixhim tal-ghoti tal-licenzji tas-sewqan, kif ammess minnu stess waqt li kien fil-pedana tax-xhieda, li huwa *canvasser* tal-Onorevoli Perit Jesmond Mugliette u li kien ha *leave* sabiex iwassal xi nies ghal xi attivita tal-perit gewwa 'The Palms'. Jaqblu wkoll pero li l-attur ghandu licenzja tas-sewqan w ghalhekk dak li gie rappurtat fil-konfront tieghu f'dan ir-rigward, huwa nveritier.

Il-konvenuta pero qieghda tezimi ruhha minn kwalsiasi responsabilita fuq il-pretest li l-parti l-kbira tar-rappurtagg

taghha huwa veritier u f'dik il-parti zghira fejn il-fatti ma kienux ezatt, thoss li l-attur messu talab ratifika – haga li ma ghamilx. Ghalkemm jinghad li l-ligi taghti xelta lil min gie malafamat li jew jitlob ratifika jew li jistitwixxi proceduri ghal malafama u dan hu dak li ghamel l-attur, li ezercita d-dritt li taghtih il-ligi.

Ghalhekk dik it-tezi tal-konvenuta, li l-attur messu talab ratifika, ma issibx soljev quddiem din il-Qorti.

L-avukat tal-konvenuta fit-trattazzjoni tieghu nsista li x-xandira ma kienitx libelluza minhabba l-principju tal-liberta tal-esperessjoni u qal li l-attur diga ghandu r-reputazzjoni mcajpra b'dak li ghamel u cioe li xahham ezamianturi w ghalhekk il-kwistjoni li gie rappurtat li m'ghandux licenzja tas-sewqan meta kellu, hija kwistjoni minima hafna u zgur ma tghix sabiex tikkontribwixxi ghan-nuqqas ta' dinjita tal-attur. Sostna li d-demokrazija hija bazata fuq il-liberta tal-espressjoni.

Jinghad illi l-azzjoni ta' libel mahsuba fil-Kap 248 trid titqies bhala azzjoni specjali li l-ghejjun taghha fil-bidu kien mahsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jigi imxandar fil-mezzi kollha tax-xandir. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-helsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista jinkiteb jew jinghad dwaru fil-mezzi stampati fid-dawl tal-jedd l-iehor fondamentali tal-espressjoni hielsa tal-fehmiet ta'dak li jkun. L-azzjoni ta' libell ghalhekk azzjoni eccezzjonali li wiehed idur ghaliha biss f'kaz fejn l-unur u gieh ta' persuna jkunu gew imhasbin jew miftuha ghad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jinghad jew jigi imxandar dwaru.

Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aggornati tal-Qrati Maltin u barranin dwar din il-kwistjoni l-ghoti tar-rimedju li jinghata taht azzjoni bhal din, qieghed kulma jmur, ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni hielsa. Il-htiega tal-helsien tal-harsien mill-ligi lill-unur u r-reputazzjoni ta' persuna m'ghandux b'riflessjonijiet w induzzjonijiet bla qies, johonqu dan il-jedd tal-espressjoni hielsa. (vide App Kriminali 13.6.1985 **Mifsud Bonnici vs Farugia noe et)**.

L-espressjoni hielsa invokat mill-avukat tal-konvenuta fit-trattazzjoni tieghu u kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, liema artikolu huwa nkorporat fil-ligi taghna bid-disposizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319 tal-ligijiet ta' Malta), jigbor fih il jedd li kull persuna jkollha u zzomm fehmiet bla indhil minn hadd u tircievi minghand u tghaddi lil haddiehor idejat u taghrif bla indhil. Minhabba dan il-jedd, igib mieghu dmirijiet u responsabilitajiet ghandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-ligi u li jkunu mehtiega f'socjeta demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wiehed isib il-harsien tal-fama u tal-jeddijiet ta' persuni ohrajn mill-effetti tal-ezercizzju tad-dritt tal-espressjoni hielsa ta' dak li jkun (vide **<u>Grech vs Prim Ministru</u>** deciza fil-hmistax (15) ta' Mejju 1985 mill-Qorti Kostituzzjonali).

Ma jistax ikun ghalhekk li l-Istampa u l-mezzi l-ohrajn ta' komunikazzjoni ma jkunux milquta b'dawn il-limitazzjonijiet.

Illi fost il-principji illum stabiliti f'dan ir-rigward, jinghad illi l-iktar wiehed mill-importanti huwa il-bilanc li jrid jinzamm bejn il-bzonn li s-socjeta demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu mal-bzonn l-iehor xejn anqas mehtieg tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta demokratika ghandu kull dritt li jgawdi. (**<u>Vincent Borg vs Victor Camilleri et</u>** deciza fil-hmistax (15) ta' Novembru 1994.)

Illi huwa ghalhekk car li daqs kemm hija mehtiega l-liberta tal-espressjoni, hekk ukoll hija essenzjali u huwa wkoll dritt inaljenabbli, li wiehed jipprotegi l-fama tieghu bil-mezzi kollha disponibbli. Illi kulhadd huwa liberu li jaghti l-opinjoni tieghu w anke jaghti l-gudizzju tieghu, pero tali espressjoni m'ghandha qatt twassal sabiex jigu attribwiti atti lil xi persuna b'mod li jattakkaw r-reputazzjoni tal-istess u l-fama tieghu meta tali atti lanqas ikunu veri.

Infatti fis-sentenza **<u>Onor Charles Buhagiar vs Ray Bugeja</u>** (P.A NA 19 ta' Jannar 1996) jinghad li:-

*"Il-linja medjana fejn proprju d-dritt t'espressjoni libera taccedi dak ragonevoli w ghandha tigi punita ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta' haddiehor, huwa proprio fejn l-espressjoni tigi bazata fuq fatti skoretti."*

L-Istampa qatt m'inghatat passaport t'immunita. Irid jinzamm dejjem sens ta' proporzjon bejn il-liberta ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta demokratika, jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg tad-difiza, ta' reputazjoni unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta demokratika ghandha kull dritt li tgawdi.

Ghalhekk huwa kompitu ta' din il-Qorti tara jekk dak li gie rappurtat u cioe l-allegazzjonijiet veru u dawk inveritieri, humiex bizzejjed sabiex tasal ghal gudizzju taghha li r-rappurtagg kien malafamanti fil-konfront tal-attur u jekk kien, x'inhuma id-danni li effettivament seta' sofra.

Il-Qorti rat li l-fatti specie ta' dan il-kaz huma identici ghal kaz iehor li gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar id-disgha (9) ta' Jannar 2009 fl-istess ismijiet ta' din il-kawza odjerna salv u b'eccezzjoni li f'dan il-kaz ir-rapportagg kien fuq ir-*radio*, filwaqt li fil-kawza gja deciza, ir-rapportagg sar fuq it-*television*.

F'dik is-sentenza l-Onorabbli Qorti tal-Appell, filwaqt li kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti, rriduciet l-ammont ta' danni sofferti mill-attur minn sebat mitt euro ghal erba' mitt euro.

Il-konveuta fix-xhieda taghha qalet li hija hadet l-informazzjoni li rrapurtat, minn sit eletroniku maghruf bhala maltastar.com u dan tlett ijiem qabel m'ghamlet ix-xandira taghha. Pero minn ezami ta' dak li effettivament gie rappurat f'dan is-sit nhar l-erbatax (14) ta' Gunju, 2008, isem l-attur ma jissemmix w ghalhekk, l-konvenuta ma tistax tistrieh fuq dan il-fatt li hija straħet fuq

informazzjoni li kienet gja pubblika u li dwarha l-attur ma hax passi u dan ghaliex l-attur mhux xi persuna daqstant maghrufa li mill-ewwel il-pubbliku ser ikun jaf li r-referenza hija ghalih u ghal hadd inqas meta ismu ma kienx imxandar.

Fil-kawza **Pawlu Bonnici Limited vs Anthony Montonaro** (deciz fis-sitta w ghoxrin (26) ta' Mejju 1992) dik il-Qorti qalet illi:-

*"L-editur huwa responsabbli taht l-artikolu 29 tal-Press Act jekk ma jivverfikax il-verita ta' dak li jippublika…"*

Il-konvenuta f'dan il-kaz, ma ivverfikatx dak li kienet xandret u dan ghaliex parti mir-rappurtagg tax-xandira kien inveritier w ghalhekk ghandha terfa ir-responsabilita ta' din ix-xandira.

L-attur ma haqqux li jigi malafamat w ingurjat b'fatti attribwiti lilu li m'humiex veri sabiex is-sitwazzjoni tieghu, li gja kienet wahda prekarja, tkompli taggrava ruhha. Kulhadd ghandu jinzamm responsabbli ghal dak li jghamel u ghal dak biss u mhux jerfa il-pizijiet ta' haddiehor li ma jirrapurtax b'mod sincier u précis. Il-konvenuta fil-fatt, dak li ghamlet f'din ix-xandira, huwa li rrapurtat fatt li ma kienx minnu billi qalet li l-attur ma kellux licenzja tas-sewqan, meta xoghlu proprju kien dak t'ezaminatur fl-ADT u cioe li jara li l-pubbliku jghaddi mill-ezamijiet tieghu tas-sewqan w ghalhekk tali rimarka ma hija xejn pjacevoli u gusta fic-cirkostanzi w ghalhekk, kif tajjeb osservat l-Qorti ta' l-Appell, l-konvenuta ghandha terfa' r-responsabilita tax-xandira u d-danni ghandhom ikunu relatati mal-hsara li x-xandira ngurjuza setghet potenzjalment ikkrejat lill-attur.

M'huwiex rilevanti dak li ssottometa l-avukat difensur tal-konvenuta fit-trattazzjoni tieghu u cioe sabiex din il-Qorti tara jekk effettivament l-konvenuta kellhiex l-*animus* sabiex tingurja lill-attur u dan ghaliex it-*test* ma huwiex wiehed li jara x'kien l-intendiment tax-xandar, izda jekk dak li gie imxandar, wassalx sabiex itellef il-gieh tas-soggett mira ta' l-ahbar.

Ma hemmx dubbju li b'dak li qalet l-konvenuta fix-xandira taghha fuq riferita, ziedet fil-kritika li saret fil-konfront tal-attur, li diga kellu hafna ghal x'hiex jirrispondi mal-pubbliku.

Hawnhekk, dwar dan il-punt, il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kirminali fl-ismijiet **Av Dr. Joseph Desira Buttigieg vs Emmanuele Cosai et** deciza nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta Novembru 1955.

Illi dwar il-kwistjoni tal-quantum ma tantx hemm xi tghid f'dan l-istadju stante li l-Qorti ta' l-Appel kienet diga illikwdat id-danni li sofra l-attur minhabba x-xandira skoretta li saret fil-konfornt tieghu u ghalhekk din il-Qorti qed tabbraccja dik is-somma hekk likwidata ai fini ta' danni fis-somma t'erba' mitt euro (€400).

**Ghaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li bix-xandira taghha tas-sbatax (17) ta' Gunju 2006 fuq ir-Radio Super One, l-konvenuta ngurjat u mmalafamat lill-attur, qieghda tillikwida d-danni sofferti minnu fis-somma ta' erba' mitt euro (€400) w ghalhekk il-konvenuta ghandha thallas din l-istess somma lill-attur.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------